

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-27 ta' April 2022

dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward ta' poteri superviżorji, sanzjonijiet, fergħat f'pajjiżi terzi, riskju ambjentali, soċjali u ta' governanza.

(CON/2022/16)

(2022/C 248/03)

Introduzzjoni u bażi legali

Fis-17 u l-21 ta' Jannar 2022, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talbiet mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2013/36/UE fir-rigward tas-setgħat superviżorji, is-sanzjonijiet, il-fergħat ta' pajjiżi terzi, riskju ambjentali, soċjali u ta' governanza ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem "l-emendi proposti għas-CRD").

L-emendi proposti għas-CRD huma marbuta mill-qrib ma' proposta oħra li dwarha l-BĊE rċieva talba għal konsultazzjoni, jiġifieri proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, ir-riskju tal-aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu, ir-riskju operazzjonali, ir-riskju tas-suq u l-limitu minimu tal-output ⁽²⁾ (flimkien mal-emendi proposti għas-CRD, il-"pakkett ta' riforma bankarja tal-Kummissjoni").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea peress li l-emendi proposti għas-CRD fihom dispożizzjonijiet li jaffettwaw il-kompiti tal-BĊE dwar is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu skont l-Artikolu 127(6) tat-Trattat u l-kontribuzzjoni tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali għat-tmexxija bla xkiel tal-politiki relatati mal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, kif imsemmi fl-Artikolu 127(5) tat-Trattat. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

Osservazzjonijiet Ġenerali

Il-BĊE jappoġġa bis-sħiħ il-pakkett ta' riforma bankarja tal-Kummissjoni, li jimplementa elementi importanti tal-aġenda globali ta' riforma regulatorja fil-leġislazzjoni tal-Unjoni. Dan se jsahha il-Ġabra Unika tar-Regoli tal-UE u jsahha b'mod sostanzjali l-qafas regulatorju f'oqsma fejn l-awtoritajiet superviżorji identifikaw lakuni li potenzjalment jistgħu jwasslu għal riskji li ma jiġux immonitorjati u koperti biżżejjed.

L-ewwel nett, it-tisħiħ tal-mod kif ir-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) jiġu indirizzati billi jiġu imposti rekwiżiti aktar stretti u billi jitwessa' s-sett ta' għodda superviżorji f'dan il-qasam se jgħin biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jiżviluppaw b'mod proattiv oqfsa ta' ġestjoni tar-riskju msaħħa, u b'hekk titnaqqas il-probabbiltà tal-akkumulazzjoni ta' riskji eċċessivi minn istituzzjonijiet individwali u s-sistema finanzjarja kollha kemm hi.

⁽¹⁾ COM(2021) 663 final.

⁽²⁾ COM(2021) 664 final.

It-tieni, l-implimentazzjoni fidila tal-limitu minimu tal-output se tnaqqas il-varjabbiltà mhux ġustifikata tal-piż tar-riskju ⁽³⁾ u huwa milqugħ li mhux se jkun hemm għadd doppju tar-riskji fir-rigward ta' rekwiżiti oħra, filwaqt li l-kumplessitajiet operazzjonali għandhom jiġu evitati.

It-tielet, id-dispożizzjonijiet armonizzati għall-valutazzjoni tad-diretturi tal-banek u l-persunal ewlieni (valutazzjonijiet ta' kompetenza u idoneità) se jiffaċilitaw l-effettività superviżorja u jtejbu l-governanza soda.

Ir-raba', sett komuni ta' regoli għall-fergħat ta' gruppi bankarji ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-Istati Membri se jissostitwixxi approċċi nazzjonali eteroġeni u jsaħħaħ is-suq uniku.

Il-ħames, aktar armonizzazzjoni tas-setgħat nazzjonali relatati mal-akkwizzizzjoni ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti, trasferimenti ta' assi jew obligazzjonijiet, fużjonijiet jew diviżjonijiet, kif ukoll ir-reġim tas-sanzjonar, se jiżguraw il-konsistenza u r-robustezza tal-qafas.

Is-sitt nett, il-BĊE jitlob konsistenza bejn id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ (minn hawn 'il quddiem "CRD") u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 ⁽⁵⁾, dwar kwistjonijiet relatati mal-indipendenza superviżorja inġenerali u l-kunflitti ta' interess b'mod partikolari. Biex jiġu limitati l-kunflitti ta' interess possibbli, huwa importanti approċċ strett iżda proporzjonali u flessibbli, li jippermetti kunsiderazzjoni xierqa ta' kull sitwazzjoni individwali.

Fl-aħħar nett, jekk is-superviżuri jitħallew jirtiraw l-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu ġew iddikjarati li qed ifallu jew li x'aktarx ifallu, iżda li ma jikkwalifikawx għal riżoluzzjoni minħabba li l-kriterju tal-interess pubbliku ma jkunx issodisfat, dan jiffaċilita l-ħruġ ordnat ta' dawn il-banek mis-suq ⁽⁶⁾.

Din l-opinjoni tindirizza kwistjonijiet ta' importanza partikolari għall-BĊE, li ġew maqsuma fit-taqsimiet elenkati hawn taħt:

1. Riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (riskji ESG)

1.1. Appoġġ għall-emendi proposti

Il-BĊE jilqa' bis-sħiħ il-proposta tal-Kummissjoni biex jissaħħu r-rekwiżiti fir-rigward tar-riskji ESG għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-mandat rispettiv għall-awtoritajiet kompetenti. Il-BĊE jaqbel mal-fehma li r-riskji ESG jista' jkollhom implikazzjonijiet estensivi għall-istabbiltà kemm tal-istituzzjonijiet individwali kif ukoll tas-sistema finanzjarja kollha kemm hi. Il-Kummissjoni bir-raġun stabbiliet miri ambizzjużi għall-adattament tal-UE għall-impatti tar-riskji ESG u t-tranżizzjoni tagħha lejn ekonomija sostenibbli, li jinvolvu bidliet speċifiċi fis-sistema produttiva tagħha fuq orriżont ta' żmien limitat. L-istrategġija tenfasizza li, "is-suċċess tal-Patt Ekoloġiku Ewropew jiddependi fuq il-kontribuzzjoni tal-partijiet ikkonċernati ekonomiċi kollha u fuq l-inċentivi tagħhom biex jintlaħqu l-miri tagħna. Għal dak il-għan, l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jesprimu l-għanijiet ta' sostenibbiltà tal-UE fl-istrategġiji ta' finanzjament fit-tul tagħhom u fil-proċessi tat-tehd tad-deċiżjonijiet" ⁽⁷⁾. It-tranżizzjoni u r-riskji assoċjati jaffettwaw kważi s-setturi kollha tal-ekonomija u għandhom impatti mifruxa madwar ir-reġjuni; barra minn hekk, dawn jiddependu fuq il-politiki ta' dekarbonizzazzjoni, il-bidliet fil-preferenzi tal-konsumaturi u tal-investituri kif ukoll il-bidliet teknoloġiċi. Dawn l-impatti mifruxa jeħtieġu strategġiji mfassla apposta kif ukoll kapaċitajiet imtejba ta' ġestjoni tar-riskju biex tiġi żgurata r-reżiljenza tal-mudelli ta' negozju tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fuq terminu qasir, medju u twil u biex tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' riskju ta' tranżizzjoni eċċessiv fil-portafolli tagħhom. Għalhekk huwa kruċjali li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jimmonitorjaw ir-riskju li jirriżulta mill-allinjament ħażin tal-portafolli tagħhom mal-oġettivi ta' tranżizzjoni tal-UE, u b'hekk jistabbilixxu skedi ta' żmien ambizzjużi u konkreti, inklużi miri intermedji, għall-fini tal-ippjanar strateġiku tagħhom.

⁽³⁾ Ara, rigward l-implimentazzjoni ġenerali tal-limitu minimu tal-output, l-Opinjoni CON/2022/11 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Marzu 2022 dwar proposta għal emendi għar-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, ir-riskju tal-aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu, ir-riskju operazzjonali, ir-riskju tas-suq u l-limitu minimu tal-output. L-opinjoni kollha tal-BĊE huma disponibbli fuq EUR-Lex.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

⁽⁶⁾ Ara, b'mod partikolari, il-kontribut tal-BĊE għall-konsultazzjoni mmirata tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-rieżami tal-qafas tal-ġestjoni tal-kriżijiet u tal-assigurazzjoni tad-depożiti, p. 9, disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

⁽⁷⁾ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Lulju 2021: Strategġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM(2021) 390 final, p. 14.

Il-BĊE jappoġġa l-proposta li r-riskji ESG jiġu koperti b'mod aktar espliċitu fir-rekwiżiti superviżorji, li se jgħin biex jiġi minimizzat it-theddid li dawn ir-riskji jgħallu għall-istituzzjonijiet individwali u għall-istabbiltà finanzjarja. Il-ħtieġa għal ġestjoni aħjar tar-riskju intern tal-banek u aktar skrutinju superviżorju fir-rigward ta' dawn ir-riskji għet enfasi minn valutazzjoni superviżorja reċenti tal-BĊE. Dan l-eżerċizzju komprensiv żvela li l-ebda istituzzjoni ma hija qrib li tallinja bis-siġħ il-prattiki tagħha mal-aspettattivi superviżorji dwar ir-riskji relatati mal-klima u dawk ambjentali (C&E) u li l-istituzzjonijiet infushom iqisu li 90 % tal-prattiki rrapportati tagħhom huma biss parzjalment jew bl-ebda mod allinjati mal-aspettattivi superviżorji tal-BĊE ⁽⁸⁾.

Il-BĊE jirrikonoxxi l-prijoritizzazzjoni tar-riskji C&E fuq il-fattori soċjali u ta' governanza, anke fid-dawl tad-differenzi fil-metodoloġiji. Ir-riskji C&E jinkludu b'mod partikolari theddid li jirriżulta mit-tranżizzjoni meħtieġa lejn ekonomija aktar sostenibbli u l-adattament għat-theddid fiżiku li qed jiżjed. Ir-riskji ta' tranżizzjoni u dawk fiżiċi huma speċjali meta mqabbla ma' riskji prudenzjali oħra u hekk kif jikbru maż-żmien, huma meħtieġa ppjanar bir-reqqa u strateġiji ċari ta' mitigazzjoni, filwaqt li tista' tkun meħtieġa azzjoni deċiżiva u immedjata fuq terminu qasir biex jittaffew l-impatti fit-tul.

Il-BĊE jappoġġa r-rekwiżit propost għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jiżviluppaw pjanijiet speċifiċi għall-monitoraġġ u l-indirizzar tar-riskji ESG li jirriżultaw fuq terminu qasir, medju u twil. Dan se jiżgura li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkejlu r-riskji ESG fuq orizzonti ta' żmien itwal u jivvalutaw bir-reqqa l-bidliet strutturali li x'aktarx iseħħu fl-industriji li huma esposti għalihom, skont il-perkorsi ta' tranżizzjoni ddeterminati mill-qafas legali tal-UE ⁽⁹⁾. Ir-rekwiżit li jiġu żviluppati pjanijiet bħal dawn se jżid it-trasparenza dwar ir-riskji li għalihom hija esposta s-sistema finanzjarja. Barra minn hekk, se tiżgura wkoll li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jirrevedu b'mod proattiv, anke fir-rigward tal-objettivi ta' tranżizzjoni tal-UE, jekk l-istrateġiji tagħhom jinkorporawx biżżejjed kunsiderazzjonijiet relatati mal-ESG, u b'hekk itaffu r-riskji għar-reputazzjoni jew ir-riskji li jirriżultaw minn sentiment tas-suq li qed jinbidel b'mod rapidu wkoll.

Il-BĊE jinsab lest li jikkollabora mal-aġenziji tal-UE biex jimmonitorja l-progress tal-istituzzjonijiet ta' kreditu fl-iżvilupp tal-pjanijiet speċifiċi tagħhom (l-Artikolu 76(2) il-ġdid) u jenfasisza l-ħtieġa għal azzjoni f'waqta f'dan il-qasam. Il-BĊE jara l-ħtieġa li tingħata prijorità lir-reżiljenza u l-adattament tal-istituzzjonijiet għall-impatti negattivi fit-tul tar-riskji ESG. Il-linji gwida proposti tal-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE) dwar il-kontenut tal-pjanijiet tal-istituzzjonijiet (l-Artikolu 87a(5)(b) il-ġdid) se jkun partikolarment importanti f'dan ir-rigward, u l-BĊE għalhekk iqis li dawn il-linji gwida għandhom jiġu ppubblikati fi żmien 12-il xahar. Min-naħa l-oħra, skadenza ta' 24 xhur tidher aktar xierqa għal-linji gwida proposti dwar l-istandards minimi u l-metodoloġiji ta' referenza (l-Artikolu 87a(5)(a) il-ġdid).

Ġestjoni tar-riskju interna xierqa, inkluż ippjanar speċifiku, se tiffaċilita wkoll il-valutazzjoni minn awtoritajiet kompetenti u makroprudenzjali tar-riskji ESG. Fil-kuntest tal-artikolazzjoni ulterjuri tar-rekwiżit li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jimmaniġġaw ir-riskji materjali kollha, billi jittestjaw r-reżiljenza tagħhom għall-impatti negattivi fit-tul tar-riskji C&E, il-BĊE jilqa' t-tisħiħ tas-setgħat superviżorji relatati b'mod li huwa konsistenti mal-orizzont ta' żmien għall-materjalizzazzjoni tar-riskji ESG. Dan se jippermetti lill-BĊE jindirizza b'mod aktar effettiv ir-riskji ESG, li jibda bir-riskji relatati mal-klima u dawk ambjentali, li jaffettwaw is-sitwazzjoni prudenzjali tal-istituzzjoni ta' kreditu (eż. il-kapital u l-likwidità) anke fuq terminu medju sa twil (jiġifieri 5–10 snin). Tali rekwiżiti se jgħinu wkoll lill-awtoritajiet makroprudenzjali biex itaffu r-riperkussjonijiet fuq is-sistema kollha tar-riskji ESG, b'mod partikolari billi janalizzaw l-aspetti sistemiċi tagħhom, eż. permezz ta' ttestjar tal-istress klimatiku mifruq mal-ekonomija kollha. Dan kollu għandu jipprovi lill-BĊE b'għodod aktar adegwati biex jgħin jevita, flimkien mal-awtoritajiet rilevanti l-oħra, l-akkumulazzjoni ta' assi mhux rekuperabbli fuq il-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u jiżgura l-komplementarjetà bejn l-approċċi mikroprudenzjali u makroprudenzjali.

Fir-rigward tas-sett ta' għodod makroprudenzjali, il-BĊE jilqa' wkoll il-kjarifika fi premessa tal-emendi proposti għas-CRD li l-qafas tar-riżerva għal riskju sistemiku (SyRB) jista' diġà jintuża biex jindirizza diversi tipi ta' riskji sistemiċi, inklużi riskji relatati mat-tibdil fil-klima. Sal-punt li r-riskji relatati mat-tibdil fil-klima għandhom il-potenzjal li jkollhom konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u għall-ekonomija reali fl-Istati Membri, tista' tiġi introdotta rata SyRB biex itaffi dawk ir-riskji.

⁽⁸⁾ L-istat tal-ġestjoni tar-riskju klimatiku u ambjentali fis-settur bankarju — Rapport dwar ir-rieżami superviżorju tal-approċċi tal-banek għall-ġestjoni tar-riskji klimatiki u ambjentali, Novembru 2021, disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

⁽⁹⁾ Eż. Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13). Dawn l-istandards jaffettwaw direttament lill-istituzzjonijiet ta' kreditu, permezz tal-kontropartijiet tagħhom, fit-terminu qasir, medju u twil.

1.2. Reżiljenza għall-impatti negattivi fit-tul tar-riskji ESG

Fir-rigward tax-xenarji u l-metodi biex tiġi vvalutata r-reżiljenza għal impatti negattivi fit-tul tar-riskji ESG, b'mod partikolari t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, il-BĊE jixtieq jenfasizza l-fatt li l-isfidi li dawn jippreżentaw għas-settur finanzjarju jistgħu jiġu vvalutati u indirizzati biss billi l-analiżi xjentifika tiġi integrata fit-tfassil tal-politika. Il-kontribut tar-riċerka xjentifika, l-entitajiet tas-settur finanzjarju u l-aġenziji ambjentali se jkun strumentali f'dan ir-rigward. Il-BĊE jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li ssaħħha il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti kollha, inklużi s-superviżuri u li tali kooperazzjoni hija maħsuba "biex tgħin fid-definizzjoni ta' miri intermedji għas-settur finanzjarju" ⁽¹⁰⁾. Madankollu, ikun utli li jifakkar, fil-premessi tal-emendi proposti għas-CRD, l-impenn li sar fil-punt ta' Azzjoni 5.c tal-Istrateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli (COM (2021) 390 final). B'mod speċifiku, huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-Kummissjoni impenjat ruħha li ssaħħha il-kooperazzjoni mal-BĊE, il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u li tali kooperazzjoni hija maħsuba biex tgħin tiddefinixxi miri intermedji għas-settur finanzjarju, tifhem aħjar jekk il-progress kontinwu u prospettiv huwiex biżżejjed, u b'hekk tiffaċilita t-tehdid ta' azzjoni ta' politika aktar kollaborattiva mill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti kollha fejn meħtieġ. Il-BĊE kieku jilqa' referenza għal tali impenn anke fil-kuntest tal-mandat stabbilit fl-Artikolu 87a(5)(c) il-ġdid tas-CRD.

2. Il-limitu minimu tal-output

Il-BĊE jilqa' l-introduzzjoni tal-limitu minimu tal-output, li huwa element importanti tar-riformi ta' Basel III ⁽¹¹⁾. Il-BĊE jinnota li l-emendi proposti għas-CRD jinkludu xi mekkaniżmi li jirregolaw l-interazzjoni bejn il-limitu minimu tal-output u l-issettjar ta' (i) rekwiżiti superviżorji tal-Pilastru 2 u (ii) riżervi makroprudenzjali.

Il-BĊE jaqbel mal-objettiv ġenerali li jiġi evitat l-għadd doppju tar-riskji fi ħdan l-oqfsa mikroprudenzjali u makroprudenzjali u bl-intenzjoni li jiġi żgurat li r-rekwiżiti rispettivi jibqgħu xierqa. Fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Pilastru 2, il-BĊE jixtieq jenfasizza l-fatt li diġà hemm rekwiżit ġenerali biex jiġi evitat kwalunkwe għadd doppju tar-riskji u, għalhekk, jinsab lest li jiżgura li ma jseħħ l-ebda għadd doppju tar-riskji fi ħdan il-mandat tiegħu. Fir-rigward tar-riżervi makroprudenzjali, kif użati bħalissa, dawn jindirizzaw riskji makroprudenzjali li huma differenti mill-mira tal-limitu minimu tal-output li jinaqqsu r-riskji ta' varjabbiltà eċċessiva jew in-nuqqas ta' komparabbiltà tal-piżijiet tar-riskju mill-użu ta' mudelli interni mill-istituzzjoni.

Barra minn hekk, il-proposta tirrikjedi li l-ammont nominali tar-rekwiżiti tal-Pilastru 2 ma jiddiedx immedjatament bħala riżultat li istituzzjoni tintrabat bil-limitu minimu tal-output. Il-BĊE jaqbel mal-objettiv sottostanti u l-ispirtu ta' dawn id-dispożizzjonijiet li jiġu newtralizzati l-effetti aritmetiċi mhux ġustifikati fuq ir-rekwiżiti tal-Pilastru 2 li jirriżultaw mill-introduzzjoni tal-livell minimu tal-output u jinsab lest li jieħu l-passi meħtieġa biex jinnewtralizza dan l-impatt.

Huwa importanti li l-mekkaniżmi proposti jirrispettaw il-prattiki superviżorji u makroprudenzjali eżistenti u jevitaw kumplessitajiet operazzjonali u piżijiet amministrattivi għall-awtoritajiet kompetenti u makroprudenzjali. B'mod partikolari, fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Pilastru 2, kif diġà ssemma, il-BĊE jqis li l-awtoritajiet kompetenti diġà għandhom mandat, fil-qafas regolatorju attwali, biex jevitaw l-għadd doppju tar-riskji u l-bidliet mhux ġustifikati fir-rekwiżiti prudenzjali, u li l-linji gwida maħruġa mill-ABE skont l-Artikolu 107(3) tas-CRD jipprovdu bażi legali soda għall-istabbiliment ta' metodoloġija komuni biex dan jinkiseb. Għalhekk, filwaqt li l-BĊE ma jarax il-ħtieġa li fil-leġiżlazzjoni tal-Livell 1 jiġi inkorporat b'mod permanenti kif għandu jitqies il-limitu minimu tal-output meta jiġu stabbiliti r-rekwiżiti tal-Pilastru 2, jieħu nota tal-proposta leġiżlattiva speċifika dwar din il-kwistjoni u jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li d-dispożizzjoni proposta — inkluż l-iffriżar temporanju — ma tinterferixxix b'mod permanenti kemm mal-approċċ attwali tal-Pilastru 2 kif ukoll mal-frekwenza tiegħu. Il-BĊE huwa tal-fehma li n-newtralizzazzjoni istantanja għandha sseħħ fil-mument meta l-bank jintrabat bil-limitu minimu. Fis-sussegwenti kwalunkwe aġġustament meħtieġ isir fil-kuntest tar-rieżami superviżorju regolari u l-proċess ta' evalwazzjoni.

Il-leġiżlaturi tal-UE jistgħu jixtiequ jipprovdu lill-ABE b'mandat speċifiku biex tiżviluppa linji gwida dwar kif l-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrattaw l-impatt tal-limitu minimu tal-output meta jiġu ssettjati r-rekwiżiti tal-Pilastru 2, kif definit fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 (l-Artikolu 465(1)). Jekk il-leġiżlaturi tal-UE jixtiequ jinkludu referenza leġiżlattiva għal din il-kwistjoni, il-BĊE

⁽¹⁰⁾ Ara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Lulju 2021: Strateġija għall-Finanzjament tat-Tranżizzjoni lejn Ekonomija Sostenibbli, COM(2021) 390 final, p. 17.

⁽¹¹⁾ Ara wkoll l-Opinjoni CON/2022/11, li tipprovi kummenti aktar dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-limitu minimu tal-output, b'mod partikolari fir-rigward tal-livell ta' applikazzjoni u l-arranġamenti tranżitorji tiegħu.

pprova wkoll suġġerimenti fid-dokument ta' ħidma tekniku dwar kif l-abbozz leġislativ jista' jiġi emendat biex jirrispetta kemm l-approċċ attwali tal-Pilastru 2 kif ukoll il-frekwenza tiegħu, filwaqt li jirregola wkoll b'mod espliċitu l-interazzjoni bejn il-livell minimu ta' output u r-rekwiżiti tal-Pilastru 2 fit-test tal-Livell 1.

Fir-rigward tas-SyRB, il-BĊE għandu tħassib qawwi fir-rigward tar-rekwiżit propost għal rieżami obligatorju tal-kalibrazzjoni tiegħu, li jinkludi limitu massimu dinamiku fuq il-bafer, li jiffrizah fil-livelli ta' qabel tal-limitu minimu tal-output sakemm tali rieżami jiġi konkluż u r-riżultat jiġi ppubblikat.

Hemm tliet raġunijiet għal dan it-tħassib.

L-ewwel nett, ir-rieżami obligatorju propost iżid il-kumplessità tal-qafas u l-piż amministrattiv, peress li jimplika li l-awtoritajiet ikollhom jirrevedu l-kalibrazzjoni tas-SyRB għal kull istituzzjoni ta' kreditu li tintrabat bil-limitu minimu tal-output individwalment. It-tieni, limitu temporanju u rieżami speċifiku għall-istituzzjoni tas-SyRB imorru kontra n-natura makroprudenzjali tal-bafer u l-applikazzjoni (sotto)settorjali tiegħu. Dan jistabbilixxi trattament speċifiku mhux ġustifikat ta' istituzzjoni ta' kreditu individwali li hija affettwata minn SyRB u li tintrabat bil-limitu minimu tal-output. It-tielet, is-CRD diġà tinkludi dispożizzjonijiet adegwati għar-rieżami regolari tal-bafer kapitali, li huma biżżejjed biex jiżguraw kwalunkwe bidla meħtieġa fir-rati implimentati.

Il-BĊE għandu tħassib simili rigward ir-rekwiżit propost li tiġi rieżaminata l-kalibrazzjoni tal-bafer tal-istituzzjonijiet sistemikament importanti l-oħra (O-SII) meta l-limitu minimu tal-output isir vinkolanti. B'mod simili għar-rieżami tas-SyRB, dan l-obbligu ta' rieżami tal-bafer O-SII iżid il-kumplessità tal-qafas u l-piż amministrattiv. Barra minn hekk, ir-rieżamijiet regolari tal-bafer tal-O-SII diġà huma previsti fis-CRD.

Minflok il-mekkaniżmu ta' rieżami propost tas-SyRB meta l-limitu minimu tal-output isir vinkolanti għal istituzzjoni ta' kreditu, il-BĊE jipproponi li tiddaħħal kjarifika espliċita li tispeċifika li s-SyRB ma tistax tintuża biex tindirizza r-riskju li jinqabad mil-limitu minimu tal-output, irrISPETTIVAMENT minn jekk il-limitu minimu tal-output jsirx vinkolanti għal istituzzjoni speċifika jew le. Din il-kjarifika għandha preferibbilment tiddaħħal bħala premessa iżda tista' tiddaħħal ukoll f'artikolu tas-CRD. Dan għandu jindirizza kwalunkwe tħassib potenzjali li r-riskji jistgħu jingħaddu darbtejn taħt il-limitu minimu tal-output u s-SyRB. L-istess raġunament u kjarifika jistgħu jiġu implimentati wkoll fir-rigward tar-riżerva ta' O-SII.

3. Kompetenza u idoneità

3.1. Appoġġ għall-emendi proposti

Il-BĊE jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-proposta tal-Kummissjoni li tirrevedi l-qafas ta' kompetenza u idoneità. Is-superviżjoni tal-idoneità u l-adegwatezza tal-membri tal-bord maniġerjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu hija għodda superviżorja ewlenija li hija essenzjali biex tittejjeb il-governanza tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. Governanza tajba fl-istituzzjonijiet ta' kreditu żżid ir-reżiljenza tagħhom għal żviluppi negattivi tas-suq u hija prerekwiżit ewleni għall-istabbiltà finanzjarja. Fi ħdan l-attivitajiet superviżorji tiegħu, il-BĊE għad għandu bżonn konsiderevoli li jimla l-lakuni u jgħolli l-livell tal-kwalità tal-oqfsa ta' governanza⁽¹²⁾, u għalhekk jilqa' bis-sħiħ it-tisħiħ tas-sett ta' għodod superviżorji kif propost mill-Kummissjoni. Il-qafas ta' kompetenza u idoneità attwali jispikka bħala wieħed mill-oqsma l-inqas armonizzati tal-liġi superviżorja minħabba d-diverġenza tal-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw is-CRD. Dawn id-differenzi jxekklu l-effiċjenza tas-superviżjoni tal-kompetenza u idoneità tal-BĊE u fixklu l-kundizzjonijiet ekwi fl-UE. Il-proposti tal-Kummissjoni jikkostitwixxu pass kbir 'il quddiem, peress li jiżguraw superviżjoni aktar konsistenti, effiċjenti u effettiva tal-membri tal-bord u tad-detenturi ta' funzjonijiet ewlenin, b'enfasi fuq il-kwistjonijiet aktar importanti għas-superviżjoni prudenzjali. Dan huwa l-każ speċjalment fir-rigward ta' kwistjonijiet bħal (i) l-istabbiliment ta' skadenzi u proċessi ċari għall-Istati Membri kollha; (ii) il-ħtieġa li jseħħu fatti għodda sabiex jiġi vvalutat it-tiġdid tal-mandati; (iii) valutazzjonijiet *ex ante* obligatorji għall-istituzzjonijiet bl-akbar impatt; (iv) il-valutazzjoni tad-detenturi tal-funzjonijiet ewlenin; (v) it-tneħħija tar-rinunzja tal-President-CEO mill-Artikolu 88 tas-CRD; u (vi) ir-responsabbiltà tal-istituzzjoni ta' kreditu biex tiżgura l-adegwatezza tal-membri tal-bord tagħha.

Il-BĊE jqis li livell adegwat ta' proporzjonalità għandu jiġi inkorporat fil-qafas il-ġdid, li jibbenefika wkoll minn approċċ saħansitra aktar proporzjonat għal valutazzjonijiet ta' kompetenza u idoneità mill-awtoritajiet kompetenti. Filwaqt li l-qafas propost b'mod ġenerali diġà jieħu approċċ debitament proporzjonat għal valutazzjonijiet ta' kompetenza u idoneità (inkluż billi jillimita l-valutazzjonijiet *ex ante* għal istituzzjonijiet kbar), il-BĊE huwa miftuħ

⁽¹²⁾ In-nuqqasijiet fil-kapaċitajiet ta' tmexxija tal-korpi maniġerjali huma fost il-vulnerabbiltajiet ewlenin tal-istituzzjonijiet ta' kreditu elenkati fil-prijoritajiet superviżorji tal-BĊE għall-2022–2024, li se jinformat il-proċess ta' rieżami u eżami superviżorju, disponibbli fuq is-sit web tal-BĊE fuq www.ecb.europa.eu

biex jesplora u jiddiskuti aktar modi biex jiġi żgurat il-livell xieraq ta' proporzjonalità tal-qafas il-ġdid. B'mod partikolari, il-proporzjonalità tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jiffukaw ir-riżorsi tagħhom fuq l-aktar valutazzjonijiet importanti.

Fl-aħħar nett, il-BĊE jinnota li l-valutazzjonijiet ta' kompetenza u idoneità *ex ante* previsti fl-emendi proposti għas-CRD ma jaffettwawx id-drittijiet statutorji ta' ċerti korpi li jaħtru rappreżentanti fil-bordijiet tal-entitajiet taħt superviżjoni skont il-liġi nazzjonali.

Minkejja l-appoġġ b'saħħtu ġenerali għall-bidliet proposti, il-BĊE jipprovdi, kemm hawn taħt kif ukoll fid-dokument ta' ħidma tekniku, għadd ta' kummenti dwar aspetti speċifiċi.

3.2. *Kjarifika li l-valutazzjonijiet ex ante ta' kompetenza u idoneità proposti huma biss ta' natura proċedurali: Premessa 38 tal-emendi proposti għas-CRD*

Il-Premessa 38 tenfasizza l-importanza tal-valutazzjoni tal-adeqgatezza tal-membri tal-korp maniġerjali ta' istituzzjonijiet kbar qabel ma dawk il-membri jidħlu fil-kariga tagħhom. Filwaqt li l-BĊE jappoġġa bis-sħiħ il-valutazzjoni *ex ante* proporzjonata prevista, jista' jiġi ċċarat aktar li d-dispożizzjonijiet proposti dwar il-valutazzjoni *ex ante* ta' kompetenza u idoneità huma fil-biċċa l-kbira proċedurali u ma jaffettwawx id-drittijiet statutorji nazzjonali ta' ċerti korpi jew entitajiet ġuridiċi biex jaħtru rappreżentanti għall-korpi maniġerjali tal-entitajiet taħt superviżjoni skont il-liġi nazzjonali applikabbli. Għalhekk, il-BĊE jipproponi l-introduzzjoni ta' kjarifika addizzjonali għall-Premessa 38, li għandha l-għan li tassigura lill-Istati Membri li kwalunkwe dritt statutorju bbażat fil-liġi nazzjonali applikabbli ma għandux jiġi affettwat mill-emendi proposti għas-CRD. Madankollu, jenħtieġ li jkun hemm fis-seħħ salvagwardji xierqa biex tiġi żgurata l-adeqgatezza ta' dawn ir-rappreżentanti, bħal superviżjoni effettiva tal-adeqgatezza tal-korp maniġerjali kollu kemm hu (adeqgatezza kollettiva) u miżuri ta' segwitu biex jiġu indirizzati kunflitti ta' interess potenzjali u kwistjonijiet relatati mal-impenn tal-ħin u l-esperjenza fejn meħtieġ.

3.3. *Introduzzjoni ta' terminu ta' jumejn għall-konferma ta' riċevuta: l-Artikoli ġodda 91b(3) u 91d(3) tas-CRD*

It-terminu ssuġġerit ta' jumejn biss għall-konferma tar-riċevuta bil-miktub fil-prattika tkun estremament diffiċli biex tintlaħaq mill-awtoritajiet kompetenti kollha involuti minħabba l-influss għoli ħafna ta' applikazzjonijiet ta' kompetenza u idoneità u d-dokumentazzjoni estensiva li jeħtieġ li tiġi vverifikata. B'mod speċifiku, fil-ħafna każijiet fejn l-applikazzjoni tikkonċerna diversi persuni maħtura, dan it-terminu jista' ma jkunx jista' jinkiseb għas-superviżuri. B'mod ġenerali, din id-dispożizzjoni tista' tipperikola li jintlaħaq it-terminu mogħti għal proċeduri ta' kompetenza u idoneità.

Il-BĊE għalhekk iħeġġeġ it-tħassir tat-terminu ta' jumejn.

3.4. *Mandat biex jiġu żviluppati standards tekniċi ta' implimentazzjoni (ITS) dwar formoli, mudelli u proċeduri standard għall-għoti ta' informazzjoni: l-Artikoli ġodda 91b(10) u 91d (8) tas-CRD*

Il-BĊE huwa responsabbli għall-funzjonament effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU). F'dan ir-rigward, sar progress fi ħdan l-MSU fir-rigward tal-użu konsistenti ta' formoli u soluzzjonijiet tal-IT għall-finijiet tal-ipproċessar ta' applikazzjonijiet ta' kompetenza u idoneità. Il-BĊE għalhekk jenfasizza li l-ITS għandhom ikunu konsistenti ma' dan l-isforz ta' armonizzazzjoni u jistgħu possibbilment jingranaw l-infrastruttura diġà żviluppata.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-BĊE jipproponi li jiddaħħal, fid-dispożizzjonijiet jew il-premessi rilevanti, ta' referenza li tinkoraġġixxi lill-ABE tibni fuq l-aħjar Prattiki u għodod eżistenti meta tiżviluppa l-ITS.

3.5. *Konsegwenzi proċedurali meta l-entitajiet taħt superviżjoni ma jikkonformawx mal-obbligi u l-iskadenzi: l-Artikoli ġodda 91b(7) u 91d (6) tas-CRD*

Is-setgħat superviżorji disponibbli għas-superviżuri fkażijiet fejn l-entitajiet ma jwegħbux għal talbiet għal informazzjoni addizzjonali sal-iskadenza mogħtija ma jinkludux is-setgħa għall-awtoritajiet kompetenti li jiddikjaraw l-applikazzjoni mhux kompluta li teħtieġ, bħala konsegwenza, is-sottomissjoni ta' applikazzjoni ġdida. Il-BĊE għalhekk jitlob l-introduzzjoni ta' bażi legali addizzjonali li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw applikazzjoni mhux kompluta, bil-ħtieġa konsegwenti tas-sottomissjoni mill-ġdid tagħha. Dan jiżgura li jkun hemm konsegwenza proċedurali għall-ksur tal-iskadenzi għall-għoti ta' dokumentazzjoni jew informazzjoni addizzjonali, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-entità tippreżenta applikazzjoni ġdida u b'hekk tibda proċedura ġdida.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-BĊE jipproponi li jżid tali konsegwenza proċedurali addizzjonali fl-Artikoli l-ġodda 91b(4) u 91d(4) tas-CRD.

3.6. Possibbiltà li jiġi estiż il-perjodu ta' valutazzjoni fejn tintalab informazzjoni minn partijiet oħra

L-Artikoli l-ġodda 91b(4) u 91d(4) tas-CRD jippermettu l-estensjoni tal-perjodu ta' valutazzjoni meta l-awtoritajiet kompetenti jitolbu dokumentazzjoni jew informazzjoni addizzjonali mingħand entitajiet, iżda mhux meta d-dokumentazzjoni jew l-informazzjoni tintalab minn partijiet oħra, eż. awtoritajiet ġudizzjarji u/jew awtoritajiet superviżorji oħra. Din tal-aħħar hija okkorrenza komuni ħafna li ta' spiss tieħu aktar ħin.

Il-BĊE għalhekk jipproponi li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu emendati biex ikopru wkoll sitwazzjonijiet li fihom tkun meħtieġa dokumentazzjoni jew informazzjoni minn entitajiet/awtoritajiet oħra.

3.7. Possibbiltà għall-entitajiet li jwettqu l-valutazzjoni tal-adeqwatezza (interna) tal-membri tal-bord wara li jkunu ħadu l-karigi tagħhom: l-Artikolu 91a(2) ġdid tas-CRD

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 91a(2) ġdid tas-CRD jippermetti l-ħatra ta' membri tal-korp maniġerjali, f'kuntesti urġenti, mingħajr ebda tip ta' valutazzjoni tal-adeqwatezza. Il-BĊE huwa mħasseb li din il-possibbiltà tista' twassal għall-ħatra ta' kandidati mhux xierqa, anki minħabba l-ambigwià li fuqha hija bbażata l-interpretazzjoni tat-termini "strettament neċessarju" u "immedjatament" użati f'dak il-kuntest.

Għalhekk, il-BĊE jipproponi li l-entitajiet għandhom ikunu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tal-adeqwatezza qabel ma l-membri tal-korp maniġerjali jieħdu l-karigi tagħhom anki fl-aktar każijiet eċċezzjonali. Madankollu, f'xenarju bħal dan tista' tkun iġġustifikata valutazzjoni eħfef, taħt kundizzjonijiet li għandhom jiġu speċifikati fil-linji gwida żviluppata mill-EBA. Dawn il-linji gwida jagħtu wkoll gwida dwar każijiet li jistgħu jitqiesu urġenti, jiġifieri meta jkun strettament meħtieġ li l-membri tal-bord jiġu sostitwiti immedjatament.

4. Rekwiżiti ta' ferġhat ta' pajjiżi terzi (TCBs)

L-armonizzazzjoni tal-qafas TCB hija importanti biex tiġi stabbilita perspettiva komprensiva dwar l-attivitajiet ta' gruppi ta' pajjiżi terzi fl-UE, biex jiġu allinjati l-prattiki fi ħdan l-UE u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-gruppi ta' pajjiżi terzi fl-UE u l-istituzzjonijiet ta' kreditu Ewropej billi jiġu evitati possibbiltajiet għal arbitraġġ regolatorju, filwaqt li fl-istess ħin ma jiġix impedit l-aċċess ta' gruppi ta' pajjiżi terzi għas-suq finanzjarju tal-UE permezz tal-istabiliment ta' ferġhat. Il-BĊE jqis li huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jiġu pprovduti b'għodod superviżorji effettivi. L-armonizzazzjoni tal-qafas TCB hija wkoll opportunità biex ir-rekwiżiti tal-UE jiġu allinjati ma' standards komparabbli f'għurisdizzjonijiet ewlenin oħra u biex jinżamm il-ftuħ globali tas-Suq Uniku.

F'dan l-isfond, il-BĊE jilqa' l-istandards minimi armonizzati għall-awtorizzazzjoni u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet ta' ferġhat, kif ukoll fil-qasam tal-governanza interna u l-kontrolli tar-riskju u ż-żieda fir-rekwiżiti ta' rapportar armonizzati. Il-BĊE jilqa' wkoll is-setgħa tal-awtoritajiet kompetenti li jirrikjedu li t-TCBs jistabbilixxu sussidjarja f'każijiet ta' importanza sistemika, li m'għandhomx ikunu soġġetti għal attivazzjoni awtomatika iżda pjuttost għal mekkaniżmu ta' valutazzjoni superviżorja b'eżitu miftuħ, ladarba jintlaħqu ċerti limiti. Barra minn hekk, il-qafas il-ġdid se jippermetti superviżjoni komprensiva permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn is-superviżuri, pereżempju bl-inklużjoni ta' TCBs tal-Klassi 1 fil-kulleġġi tas-superviżuri. F'dan ir-rigward il-BĊE japprezza wkoll l-isforzi tal-Kummissjoni biex tiżgura involviment adegwat tas-superviżuri ta' entitajiet oħra tal-grupp (jiġifieri sussidjarji) fid-deċiżjonijiet li jaffettwaw l-istruttura tal-operazzjonijiet ta' gruppi ta' pajjiżi terzi fl-UE.

Barra minn hekk, il-BĊE jappoġġa l-kjarifika li TCBs jistgħu jwettqu biss l-attivitajiet li għalihom ikunu ġew awtorizzati u biss fit-territorju tal-Istat Membru li jkun ipprova tali awtorizzazzjoni, u li t-tweġiq ta' tali attivitajiet fuq bażi transkonfinali ġewwa t-territorji tal-Unjoni huwa espressament ipprojbit.

Minbarra l-appoġġ qawwi tiegħu għall-proposta, il-BĊE jipproponi emendi fl-oqsma li ġejjin.

Sabiex jiġi żgurat li jinqabad id-daqs attwali tal-attivitajiet ta' ferġha, u b'hekk jgħin biex jiġi evitat li gruppi ta' pajjiżi terzi jużaw Prattiki speċifiċi ta' prenatalizzjoni biex jibqgħu taħt il-limiti, huwa importanti li mhux biss l-assi li jiġu rreġistrati fil-ferġha jiġu kkunsidrati, iżda wkoll l-assi li joriġinaw mill-ferġha iżda li jiġu rreġistrati mill-bogħod f'post ieħor, sal-punt li din il-prattika titqies fattibbli skont il-leġiżlazzjoni l-ġdida. Filwaqt li l-emendi proposti għas-CRD jinkludu mandat għall-ABE biex tiżviluppa standards tekniċi regolatorji dwar l-arranġamenti ta' rreġistrazzjoni, il-BĊE

jqis li jkun aktar effettiv li fis-CRD innifisha tiġi inkluża wkoll kjarifika diretta dwar kif jiġu kkalkulati l-assi ta' ferġha għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-limiti (eż. għall-klassifikazzjoni tal-ferġha bħala Klassi 1 u għall-valutazzjoni tal-importanza sistemika).

Barra minn hekk, il-BĊE jipproponi li l-informazzjoni aggregata dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet miżmuma jew irreġistrati minn sussidjarji ta' grupp ta' pajjiż terz u ferġat ta' pajjiż terz fl-Unjoni, li l-ferġat ta' pajjiż terz huma meħtieġa jirrapportaw lill-awtorità kompetenti tagħhom, għandha tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti li huma responsabbli għas-supervizzjoni tas-sussidjarji ta' dak il-grupp ta' pajjiż terz. Din il-proposta se tippermetti ħarsa ġenerali komprensiva u analiżi tal-impronta Ewropea ta' gruppi ta' pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, il-BĊE jipproponi wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rekwiżit ta' rapportar relatat mas-servizzi pprovduti mill-impriża prinċipali jissaħħaħ biex ikopri wkoll il-forniment dirett ta' servizzi ta' investiment transkonfinali mill-grupp ta' pajjiż terz u s-servizzi ta' investiment li huma pprovduti mill-grupp ta' pajjiż terz abbażi ta' solleċitazzjoni inversa.

5. Forniment dirett ta' servizzi bankarji fl-UE minn impriżi ta' pajjiżi terzi

5.1 Rekwiżit li tiġi stabbilita ferġha għall-forniment ta' servizzi bankarji minn impriżi ta' pajjiżi terzi: Artikolu 21c ġdid tas-CRD

Il-BĊE jilqa' l-kjarifika inkluża fl-Artikolu 21c il-ġdid tas-CRD li, sabiex jipprovdu servizzi bankarji fl-Unjoni, l-impriżi ta' pajjiżi terzi jridu jew jistabbilixxu ferġha jew joħlqu sussidjarja fi kwalunkwe territorju tal-Unjoni, sabiex jiġu evitati attivitajiet mhux regolati u mhux taħt supervizzjoni li joħlqu riskji għall-istabbiltà finanzjarja fl-UE.

Madankollu, il-BĊE jqis li l-kamp ta' applikazzjoni tas-servizzi bankarji ewlenin inklużi fl-Artikolu 21c il-ġdid tas-CRD mhux ienjar. Għalhekk, il-BĊE jistieden lill-korpi leġiżlattivi tal-Unjoni biex jiċċaraw il-formulazzjoni tal-Artikolu 21c il-ġdid tas-CRD u b'mod partikolari biex jipprovdu lista ċara ta' servizzi bankarji ewlenin inklużi f'dan l-artikolu, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-rekwiżiti eżistenti fl-iġijiet oħra tal-UE li jirregolaw servizzi partikolari, bħas-servizzi ta' pagament u flus elettroniċi, kif ukoll l-impatt tal-artikolu l-ġdid dwar il-likwidità tas-swieq finanzjarji globali.

6. Setgħat superviżorji

Il-BĊE jilqa' l-emendi proposti għas-CRD fir-rigward tas-setgħat superviżorji peress li jarmonizzaw aktar tliet tipi ta' setgħat, billi jirrikjedu li l-awtorità kompetenti tivvaluta (i) akkwisti ta' holdings f'entitajiet tas-settur finanzjarju u mhux finanzjarju; (ii) trasferimenti materjali ta' assi u (iii) fużjonijiet/diviżjonijiet. Id-diverġenza attwali fis-setgħat nazzjonali f'dawn it-tliet aspetti u l-fatt li l-BĊE attwalment jeżerċita tali setgħat biss meta jkunu disponibbli skont il-liġi nazzjonali jwassal għal kundizzjonijiet mhux ekwi u jagħmel l-azzjonijiet superviżorji tal-BĊE fi ħdan l-MSU inqas effiċjenti. Sett komuni ta' regoli dwar is-setgħat prudenzjali ewlenin se jrawwem simultanjamment l-armonizzazzjoni fis-suq intern u jżid il-kwalità u l-effikaċja ġenerali tas-supervizzjoni. Hija meħtieġa aktar koordinazzjoni bejn dawn is-setgħat superviżorji ġodda u s-setgħat diġà previsti fis-CRD. Għal dan il-għan, il-BĊE jipprovdi xi rakkomandazzjonijiet ta' abbozzar fid-dokument ta' ħidma tekniku.

Il-BĊE jilqa', b'mod partikolari, il-fatt li l-proposta tal-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu allinjati s-setgħat previsti fit-Titolu III, il-Kapitoli 3, 4 u 5, tas-CRD dwar l-akkwisti ta' parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti f'istituzzjoni ta' kreditu u l-akkwisti ta' parteċipazzjoni materjali minn istituzzjoni. Madankollu, dan l-allinjament ma għandux jipprevedi biss l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti, iżda jipprevedi wkoll il-proċess u ż-żmien tal-proċeduri rilevanti li jseħħu simultanjamment għall-istess operazzjoni.

Minbarra dan l-allinjament proċedurali, għandha ssir distinzjoni ċara bejn il-kunċett ta' "parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti", li għandu jkun iffokat fuq l-impatt ta' akkwist fuq l-istituzzjoni ta' kreditu fil-mira, u "akkwist materjali", li għandu jkun iffokat fuq l-impatt ta' akkwist fuq l-akkwrent.

Barra minn hekk, f'konformità mal-pożizzjoni preċedenti mistqarra tiegħu ⁽¹³⁾, il-BĊE jinkoraġġixxi l-inklużjoni ta' setgħat superviżorji addizzjonali fuq (i) l-emenda tal-artikoli ta' assoċjazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, (ii) it-tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati, u (iii) l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni materjali. L-armonizzazzjoni ta' dawn is-setgħat tibqa' meħtieġa u tgħin biex isir progress ulterjuri lejn ġabra unika ta' regoli ġenwina u titnaqqas il-frammentazzjoni regolatorja madwar l-MSU.

7. Sanzjonijiet amministrattivi:

L-emendi proposti għas-CRD jirriflettu l-pożizzjoni tal-BĊE dwar il-kwistjoni ⁽¹⁴⁾. L-isforzi kollha biex ikomplu jiġu armonizzati u msaħħa s-setgħat ta' sanzjonar u ta' infurzar fil-livell tal-Unjoni huma milqugħa, u dan se jrawwem l-infurzar effettiv tar-rekwiżiti prudenzjali fl-Unjoni. B'mod partikolari, ta' min jinnota li s-setgħat ta' infurzar tal-awtoritajiet kompetenti huma msaħħa bl-introduzzjoni tal-possibbiltà li jiġu imposti pagamenti perjodiċi ta' penali bħala miżura ta' infurzar ġdida mmirata lejn ir-restawr tal-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali u li tali miżura hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà sussegwenti li tiġi sanzjonata l-okkorrenza tal-ksur. Għalhekk huwa kruċjali li d-distinzjoni bejn din il-miżura ta' infurzar ġdida, il-penali amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra skont is-CRD tiġi riflessa wkoll fit-traspożizzjoni tal-Istati Membri fil-liġi nazzjonali. Barra minn hekk, il-BĊE jilqa' wkoll il-fatt li l-lista ta' ksur suġġett għal penali amministrattivi hija estiża u li d-definizzjoni ta' "fatturat annwali totali" hija ċċarata.

8. Valutazzjoni komparattiva superviżorja

Il-BĊE jilqa' l-emendi proposti għall-Artikolu 78 tas-CRD u, b'mod partikolari, il-fatt li dawn l-emendi jespandu l-ambitu tal-valutazzjoni komparattiva superviżorja għal mudelli użati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex jiġi kkalkulat it-telf ta' kreditu mistenni skont l-IFRS9. Dan huwa importanti ħafna biex tiġi żgurata r-robustezza tal-mudelli li jintużaw, *inter alia*, mill-istituzzjonijiet ta' kreditu li ma għandhomx mudelli interni approvati għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti kapitali tagħhom għar-riskju tal-kreditu. Iż-żieda tal-approċċ standardizzat alternattiv għar-riskju tas-suq mal-kamp ta' applikazzjoni tal-valutazzjoni komparattiva superviżorja hija milqugħa wkoll bħala komplement għall-informazzjoni mill-approċċ tal-mudell intern u bħala pass addizzjonali lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-qafas tar-riskju tas-suq ta' Basel fl-UE.

Barra minn hekk, il-BĊE jilqa' l-proposta li l-ABE tingħata l-flessibbiltà biex twettaq l-eżerċizzji ta' valutazzjoni komparattiva fuq bażi biennali. Il-BĊE jirakkomanda li tingħata saħansitra aktar flessibbiltà lill-ABE biex tistabbilixxi l-frekwenza ta' dawn l-eżerċizzji. Il-BĊE jipproponi wkoll li l-eżerċizzji jkunu definiti b'mod aktar ċar.

Fl-aħħar nett, il-BĊE jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet m'għandhomx ikunu meħtieġa jissottomettu r-riżultati tal-kalkoli tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti kull sena, jiġifieri anki fi snin meta l-ABE ma twettaqx l-eżerċizzju. Minflok, il-BĊE jipproponi li l-frekwenzi għas-sottomissjoni u l-valutazzjoni jiġu allinjati, u b'hekk jitnaqqas il-piż tar-rappurtar għall-istituzzjonijiet.

9. Divulgazzjoni

Il-BĊE jilqa' l-oġġettiv taċ-ċentru integrat il-ġdid ġestit mill-ABE għad-divulgazzjonijiet tal-Pilastru III mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, li għandu l-għan li jnaqqas il-piż għall-banek u li jiffaċilita l-użu tal-informazzjoni tal-Pilastru III mill-partijiet ikkonċernati kollha. Is-superviżuri jistgħu jibbenefikaw minn ċentru ta' divulgazzjoni ċentralizzat peress li dan jiffaċilita r-rwol tagħhom fl-iżgurar tal-kwalità tal-informazzjoni tal-Pilastru III.

Il-proposta hija li jiġi applikat approċċ differenti fir-rigward tad-divulgazzjoni pubblika kwantitattiva ta' istituzzjonijiet zġhar u mhux kumplessi (SNICs) u istituzzjonijiet ta' kreditu akbar. Għall-SNICs, l-ABE se tuża rapportar superviżorju biex tiġbor id-divulgazzjoni pubblika (kwantitattiva) korrispondenti fuq il-bażi ta' mmappjar predefinit, filwaqt li għal istituzzjonijiet akbar l-ABE se tirċievi l-fajls ta' divulgazzjoni sħiħ "f'format elettroniku" u se jkollha bżonn tippubblika l-fajls fl-istess jum li tirċevihom. Dan l-approċċ differenti ma jidherx li huwa ġġustifikat. L-istess approċċ għad-divulgazzjonijiet kwantitattivi jista' jiġi applikat għall-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha, irrispettivament mid-daqs u l-kumplessità tagħhom, bil-għan li jitnaqqas il-piż tar-rappurtar tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha. Barra minn hekk, l-iskeda ta' żmien għall-ABE biex tippubblika informazzjoni tal-Pilastru III fuq iċ-ċentru ċentralizzat ma tippermettix li titwettaq ir-rikonċiljazzjoni bejn ir-rappurtar superviżorju u l-informazzjoni dwar l-iżvelar tal-Pilastru III, li jista'

⁽¹³⁾ Ara il-paragrafu 1.12.2 tal-Opinjoni CON/2017/46 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-8 ta' Novembru 2017 dwar emendi għall-qafas tal-Unjoni għal rekwiżiti kapitali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investment (ĠU C 34, 31.1.2018, p. 5).

⁽¹⁴⁾ Ara l-paragrafu 1.15 tal-Opinjoni CON/2017/46.

jwassal għal xogħol addizzjonali għas-superviżuri u nuqqas ta' ċarezza għall-investituri u utenti oħrajn tal-informazzjoni tal-Pilastru III. Barra minn hekk, id-divulgazzjonijiet kwalitattivi u xi divulgazzjonijiet kwantitattivi ma jistgħux jiġu estratti mir-rapportar superviżorju abbażi tal-immappjar predefinit. Din il-kwistjoni tikkonċerna kemm l-SNCIs kif ukoll istituzzjonijiet oħra. Għalhekk, il-proċess biex jiġu ppreżentati tali divulgazzjonijiet lill-ABE għandu jiġi ċċarat. Kunsiderazzjonijiet addizzjonali rigward iċ-ċentru ta' divulgazzjoni ċentralizzat tal-Pilastru III previst huma pprovduti fil-kuntest tal-Opinjoni CON/2022/11.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li l-emendi proposti għas-CRR jiġu emendati, qed tiġi prevista proposta ta' abbozzar speċifika f'dokument ta' ħidma tekniku separat flimkien ma' test spjegattiv għal dan il-għan. Id-dokument ta' ħidma tekniku huwa disponibbli bl-Ingliż fuq EUR-Lex.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-27 ta' April 2022.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE
